

32000R0254

L 28/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.2.2000

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 254/2000
tal-31 ta' Jannar 2000**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar n-nomenklatura tat-tariffa u l-statistika u t-Tariffa
Doganali Komuni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, partikolarment l-Artikoli 26 u 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾, jipprovdi l-bażi legali għat-twaqqif u l-immaniġġjar tan-Nomenklatura Magħquda, it-Tariffa Doganali Komuni u t-Tariffa Integrata tal-Komunitajiet (TARIC);
- (2) Hija ħaġa xierqa li tiġi mmodernizzata u ssimplifikata l-preżentazzjoni u l-immaniġġjar tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 kif kien maħsub fl-inizjattiva SLIM (leġislażzjoni simplifikata għas-suq intern);
- (3) Id-data li tinsab fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u data oħra ppubblikata bis-saħħa ta' l-istess Regolament, u partikolarment l-Artikoli 6 u 9 tiegħu għandhom, fejn hu possibli, ikunu ukoll aċċessibbli għall-pubbliku fformat elettroniku;
- (4) L-iskeda tad-dazji tad-dwana fl-Anness I, Parti II, għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 tinludi f'kolonna 3 u 4 rispettivament ir-rati tad-dazju kemm awtonomi kif ukoll konvenzjonali; bil-għan li jiġi razzjonalizzat u simplifikat l-użu ta' din l-iskeda, kolonna waħda biss għandha tinżamm u din il-kolonna għandha tkun tirifletti r-rati konvenzjonali tad-dazji; kull eċċezzjoni min applikazzjoni ta' rata konvenzjonali ta' dazju b'miżuri awtonomi għandha madankollu tiġi indikata;
- (5) Il-bżonnijiet ta' l-istatistika huma normalment koperti fil-livell tan-Nomenklatura Magħquda; biex jiġi llimitat in-numru ta' subartikoli tan-NM u biex tiġi evitata duplikazzjoni ta' sistemi paralleli ta' għbir ta' data huwa xieraq li, f'ċerti każi, dawn il-bżonnijiet jiġu sodisfatti billi jinħolqu suddiviżjonijiet tat-Taric għal finijiet ta' l-istatistika;
- (6) Kodiċi ta' proċedura ġie stabbilit għall-immaniġġjar tan-NM biex jillimita t-tkabbir mhux ġustifikat tan-numru ta' kodiċijiet tan-NM u suddiviżjonijiet ta' l-istatistika ta-Taric;
- (7) Id-definizzjoni kurrenti tat-Taric, jiġifieri li tkun tkopri l-miżuri tagħha, il-komposizzjoni tal-kodiċijiet tagħha u d-deskrizzjoni tagħha dwar l-immaniġġjar, it-trasmissjoni tad-data u l-pubblikazzjoni, għandha tiġi riveduta biex jit-qiesu żviluppi reċenti;
- (8) Il-kollaborazzjoni tal-laboratorji tad-dwana tal-Pajjiżi Membri għandha tiġi inkoraġġgħta biex tiġi żgurata

applikazzjoni uniformi tat-Tariffa Komuni tad-Dwana u t-Taric;

- (9) It-Tariffa tad-Dwana tal-Komunitajiet Ewropej ġiet definita bl-Artikolu 20(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità ⁽²⁾; u bħala konsegwenza m'għadux meħtieġ li tiġi provduta definizzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni f'dan ir-Regolament; l-użu tan-Nomenklatura Magħquda għall-istatistiċi esterni tal-kummerċ diġa ġie stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 tat-22 ta' Mejju 1995 dwar l-isatisitiċi li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' oġġetti mill-Komunità u l-Istati Mmembri tagħha ma' stati li m'humiex membri ⁽³⁾, l-Artikolu 4 tar-Regolamenti (KEE) Nru 2658/87 għaldaqstant jista jitħassar;
- (10) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jstabilixxi d- dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità ⁽⁴⁾, jistabilixxi r-regoli dwar kif għandhom jiddaħħlu il-kodiċijiet fid-dikjarazzjonijiet tad-dwana flivell Komunitarju u ta' l-Istati Membri;
- (11) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandhom jiġu adottati skond id-deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi dawn il-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi konferiti fuq il-Kummissjoni ⁽⁵⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 qiegħed hawn jiġi emdat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(1) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Nomenklatura ta' oġġetti, minn issa 'l quddiem imsejħa 'Nomenklatura Magħquda', jew fil-qosor 'NM', li tħaddan fiha, fl-istess waqt, dak kollu li titlob it-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistiċi kummerċjali esterni tal-Komunità u linji politiċi oħra tal-Komunità rigward l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni."

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 2204/1999 (ĠU L 278, tat-28.10.1999, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 955/1999 (ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 118, tal-25.5.1995, p. 10. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 374/98 (ĠU L 48, tad-19.2.1998, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 1662/1999 (ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 25).

⁽⁵⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

2. L-Artikolu 1(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. In-Nomeklatura Magħquda tidher stampata fl-Anness I. Ir-rati tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni u, fejn huma applikabbli, l-unitajiet supplimentari ta' l-istatistika kif ukoll tagħrif ieħor meħtieġ huma kollha mniżżlin fl-Anness imsemmi.

L-Anness fih ir-rati konvenzjonalki tad-dazju.

Iżda meta rati awtonomi ta' dazju jkunu anqas mir-rati konvenzjonali tad-dazju ta' jew fejn ir-rati konvenzjonali tad-dazju ma jkunux jgħoddu, ir-rati awtonomi jidhru wkoll fl-Anness imsemmi.”;

3. L-Artikolu 2 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 2

Tariffa Integrata tal-Komunitajiet Ewropej, min issa 'l quddiem imsejħa 'Taric', li tħaddan fiha l-ħtiġiet kollha ta' Tariffa Doganali Komuni, l-statistiċi esterni tal-kummerċ, il-linji politiċi kummerċjali, agrikoli u linji politiċi oħra tal-Komunità rigward l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti, għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.

It-Tariffa għandha tkun ibbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda u jkun fiha:

- (a) il-miżuri li jinsabu f'dawn ir-Regolamenti;
- (b) is-suddiviżjonijiet Komunitarji addizzjonali, msejħa 'Subartikoli tat-TARIC', li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' miżuri Komunitarji speċifiċi mniżżla fl-Anness II;
- (c) kull informazzjoni oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni jew l-immaniġġjar tal-kodiċijiet tat-Taric u kodiċijiet addizzjonali kif definiti fl-Artikoli 3(2) u (3);
- (d) ir-rati tad-dazju tad-dwana u imposti oħra fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, inklużi eżenzjonijiet mid-dazju u rati ta' tariffa preferenzjali applikabbli għal oġġetti speċifiċi waqt l-importazzjoni u l-esportazzjoni;
- (e) miżuri li jidhru fl-Anness II applikabbli għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti speċifiċi.”

4. L-Artikolu 4 għandu jitħassar;

5. L-Artikolu 5 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 5

1. It-Taric għandha tintuża mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-applikazzjoni ta' miżuri Komunitarji rigward l-importazzjoni fil-u l-esportazzjoni mill-Komunità.

2. Il-kodiċijiet tat-Taric u l-kodiċijiet addizzjonali tat-Taric għandhom jiġu applikati għall-importazzjoni u, fejn ikun applikabbli, għall-esportazzjoni ta' oġġetti li jkunu koperti mis-subartikoli korrispondenti tagħhom.

3. L-Istati Membri jistgħu jżidu suddiviżjonijiet u kodiċijiet addizzjonali għal skopijiet nazzjonalistiċi Il-kodiċijiet ta' identifikazzjoni għandhom jiġu assenjati lil dawk

is-suddiviżjonijiet jew kodiċijiet addizzjonali f'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.”;

6. L-Artikolu 6 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 6

It-Taric għandha tkun stabbilita, aġġornata, maniġġjata, u mxerrda mill-Kummissjoni, li għandha, sa fejn ikun possibbli, tuża mezzi kompjueterizzati. Il-Kummissjoni għandha, partikolarment, tiegħu l-passi neċessarji biex:

- (a) tintegra fit-Taric il-miżuri kollha li jinsabu f'dan ir-Regolament jew li jidhru fl-Anness II li hemm miegħu,
- (b) tattribwixxi l-kodiċijiet tat-TARIC u l-kodiċijiet addizzjonali tat-Taric,
- (c) taġġorna t-Taric immedjatament,
- (d) ixxerred f'format elettroniku t-tibdil tat-Taric immedjatament.”

7. Fl-Artikolu 9(1), subparagrafu (a) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(a) applikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u tat-Taric, partikolarment rigward

— il-klassifika ta' l-oġġetti li fin-nomenklatura huma msemmija fl-Artikolu 8;

— noti ta' spjegazzjoni;

— il-ħolqien, jekk ikun meħtieġ, u għall-finijiet li jint-laħqu l-bżonnijiet tal-Komunità, ta' subartikoli statistiċi fit-Taric, meta li dan isir ikun jidher li huwa aktar xieraq milli li jsir fin-NM”;

8. Fl-Artikolu 9(1), is-subparagrafu (g) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(g) kwestjonijiet rigward l-applikazzjoni, il-funzjonament u l-immaniġġjar tas-sistema armonizzata għandhom jiġu diskussi fi ħdan il-Kunsill għall-Koperazzjoni tad-Dwana, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom mill-Komunità.”;

9. L-Artikolu 9(2) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“2. Id-dispożizzjonijiet adottati skond dan il-paragrafu ma għandhomx jemendaw

— ir-rati tad-dazji tad-dwana;

— imposti fuq l-agrikultura, rimborsi u ammonti oħra applikabbli fil-qafas tal-politka agrikola komuni jew f'dak ta' skemi speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

— restrizzjonijiet kwantitattivi stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet tal-Komunità;

— nomenklaturi adottati fil-qafas ta' politka komuni fl-agrikultura.”;

10. L-Artikolu 10 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 10

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana mwaqqaf skond l-Artikolu 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 (*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (**) għandha tapplika.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

(*) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 955/1999 (ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1).

(**) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.;

11. L-Artikolu 12 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni għandha ta' kull sena tadotta regolament li jirriproduċi l-verżjoni kompluta tan-Nomenklatura Magħ-

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2000.

quda, flimkien mar-rati tad-dazju konformi ma' l-Artikolu 1, kif jirriżulta minn miżuri adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni. L-imsemmi Regolament għandu jiġi ppubblikat mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u għandu japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

2. Miżuri u informazzjoni rigward it-Tariffa Doganali Komuni jew tat-Taric għandhom, sa fejn hu possibli, ikunu imxerrda f'format elettroniku bl-użu ta' mezzi kompjuterizzati.

3. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' tat-Tariffa Doganali Komuni u tat-Taric, il-Kummissjoni għandha tħajjar kordinazzjoni u armonizzazzjoni tal-prattiċi fil-laboratorji tad-dwana ta' l-Istati Membri bl-użu, sa fejn hu possibli, ta' mezzi kompjuterizzati.”;

12. L-Artikolu 13 għandu jitħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PINA MOURA